IL-KUMMISSJONI
EWROPEA

Brussell, 16.11.2016
COM(2016) 730 final

KOMUNIKAZZJONI TAL-KUMMISSJONI

Abbozzi tal-Pjanijiet Baġitarji għall-2017: Valutazzjoni Kumplessiva

MT MT

Sommarju Eżekuttiv

Din il-Komunikazzjoni tiġbor fil-qosor il-valutazzjoni tal-Kummissjoni tal-Abbozzi ta’ Pjanijiet Baġitarji (APB 2017) ippreżentati minn tmintax-il Stat Membru taż-Żona tal-Euro li mhumiex fil-programm ta’ aġġustament makroekonomiku (ŻE-18), inklużi pjanijiet ta' ebda bidla fil-politika mressqa mil-Litwanja u Spanja minħabba l-preżenza ta’ gvernijiet *interim* f’dawn il-pajjiżi fiż-żmien meta ġew ippreżentati. F'konformità mar-Regolament (UE) Nru 473/2013, il-Kummissjoni evalwat dawn il-pjanijiet u s-sitwazzjoni baġitarja ġenerali u l-pożizzjoni fiskali fiż-Żona tal-Euro bħala entità sħiħa.

Il-valutazzjoni kumplessiva tal-APB tal-2017 u l-pożizzjoni fiskali aggregata għaż-Żona tal-Euro jistgħu jiġu mqassra kif ġej:

1. Il-pjanijiet tal-Istati Membri jimplikaw tkomplija tat-tnaqqis fid-defiċit nominali tal-baġit aggregat fiż-Żona tal-Euro fil-kuntest ta' rkupru li għadu fraġli u b'għadd ta' riskji negattivi. Wara li naqas minn 2,0 % tal-PDG fl-2015 u laħaq il-1,8 % tal-PDG din is-sena, id-defiċit huwa ppjanat li jonqos aktar għal 1,5 % tal-PDG fl-2017. Wara li laħaq il-massimu tiegħu fl-2014, fl-2017 il-proporzjon tad-dejn aggregat abbażi tal-APB huwa ppjanat ukoll li jonqos kemxejn, minn ftit aktar minn 90 % għas-sena kurrenti għal 89 % tal-PDG fl-2017. Dan jikkorrispondi għal deterjorament fil-bilanċ strutturali fl-2016 ta’ 0,2 % tal-PDG u li mbagħad jibqa' l-istess fl-2017.
2. Meta mqabbel mal-pjanijiet fuq terminu medju fformulati fil-Programmi ta' Stabbiltà tar-rebbiegħa tal-2016, it-tnaqqis tad-defiċit ippjanat fl-2017 ġie rivedut 'l isfel u jkun inqas, b'0,2 punti perċentwali fiż-Żona tal-Euro, minkejja li fl-2016 ikun beda minn defiċit ftit aktar baxx milli kien antiċipat fir-rebbiegħa tal-2016.
3. Il-prospettiva makrofiskali li tirriżulta mill-APB hija ġeneralment ikkonfermata mill-previżjoni tal-Kummissjoni tal-ħarifa 2016. It-tkabbir reali tal-PDG huwa pproġettat li jiddgħajjef ftit minn 1,7 % din is-sena għal 1,5 % fl-2017, għalkemm li l-marġni negattiv tal-potenzjal tal-produzzjoni huwa mistenni li jonqos għal 0,5 % tal-PDG potenzjali. Il-Kummissjoni tbassar ukoll tnaqqis fid-defiċit nominali simili għall-APB fl-2017 (b'0,3 punti perċentwali), biex jilħaq l-istess bilanċ nominali ta' -1,5 % tal-PDG. Il-Kummissjoni tipproġetta li l-proporzjon tad-dejn aggregat għall-PDG se jonqos għat-tieni sena wara l-oħra għal 90 % fl-2016 u se jkompli jonqos aktar għal 89 % fl-2017, li huwa skont il-pjanijiet stabbiliti fl-APB.
4. Bħal fl-2015, il-pożizzjonijiet baġitarji tal-Istati Membri qed ikunu sostnuti minn tnaqqis sinifikanti fil-kostijiet tas-self. L-iffrankar temporanju minn pagamenti ta’ imgħax baxxi jista' jintuża skont il-qagħda fiskali tal-Istat Membru, biex b'hekk jirriżulta f’defiċits aktar baxxi fil-pajjiżi bi żbilanċi baġitarji kbar, filwaqt li jippermetti żieda akbar fl-infiq f’investimenti futuri jekk l-ispazju fiskali jkun disponibbli.
5. Fil-livell ta' aggregat, l-APB u l-previżjoni tal-Kummissjoni jindikaw li l-pożizzjoni fiskali taż-Żona tal-Euro ġeneralment newtrali għall-perjodu 2014-2017, li tkompli bl-intervall fil-konsolidazzjoni fiskali li seħħ mill-2013 'il hawn. B'mod aktar speċifiku, il-pożizzjoni fiskali saret ġeneralment newtrali fl-2014-2015 u kemxejn espansjonarja fl-2016, fuq sfond ta' rkupru ekonomiku. Għall-2017, kemm l-aggregazzjoni tal-APB tal-Istati Membri kif ukoll il-previżjoni tal-Kummissjoni mill-ġdid jindikaw pożizzjoni fiskali ġeneralment newtrali. Dan għandu jiġi vvalutat kontra l-objettivi doppji ta' stabbilizzazzjoni makroekonomika fuq terminu qasir u ta' sostenibbiltà fit-tul tal-finanzi pubbliċi.
6. Kif spjegat fil-Komunikazzjoni tal-Kummissjoni *"Lejn Pożizzjoni Fiskali Pożittiva għaż-Żona tal-Euro"*, hemm każ għal pożizzjoni fiskali moderatament espansjonarja għaż-Żona tal-Euro in ġenerali f'dan iż-żmien, fid-dawl tal-irkupru kajman u r-riskji fl-ambjent makroekonomiku[1].

[1] Ara COM(2016) 727 final, 16.11.2016.

Madankollu, it-tfassil ta' pożizzjoni fiskali xierqa bħal din għaż-Żona tal-Euro hija r-responsabbiltà individwali u kollettiva tal-Istati Membri. Dan l-approċċ huwa rifless ukoll fir-Rakkomandazzjoni proposta dwar il-politika ekonomika taż-Żona tal-Euro għall-2017-2018[2].

7. L-analiżi ta' kemm hi xierqa l-pożizzjoni fiskali fiż-Żona tal-Euro mhijiex biss kwistjoni dwar is-sinjal u d-daqs tal-bilanċ baġitarju, iżda tirrigwarda ħafna wkoll il-kwalità u l-kompożizzjoni tal-finanzi pubbliċi li wasslu għalih. F'livell ġenerali, ma hemmx pjanijiet biex l-istrutturi tad-dħul mit-taxxa jinbidlu b'mod sinifikanti, filwaqt li l-kompożizzjoni tan-nefqa turi wkoll progress limitat lejn li tkun aktar favorevoli għat-tkabbir, meta n-nefqa kapitali għadha mhux qed tirkupra bħala sehem mill-PDG. Barra minn hekk, it-titjib fil-governanza fiskali nazzjonali, inkluż l-istabbiliment ta' analiżi tan-nefqa effiċjenti, jista' jappoġġa nfiq pubbliku li jiffavorixxi t-tkabbir.

8. Il-valutazzjoni tal-Kummissjoni tal-pjanijiet tal-Istati Membri individwali tista' tiġi mqassra kif ġej:

L-ebda APB għall-2015 ma nstab f'nuqqas partikolarment serju ta' konformità mar-rekwiżiti tal-Patt ta' Stabbiltà u Tkabbir (PST). F'diversi każijiet, madankollu, il-Kummissjoni jirriżultalha li l-aġġustamenti fiskali ppjanati ma jissodisfawx, jew jirriskjaw li ma jissodisfawx, dak li hu meħtieġ mill-PST.

B'mod speċifiku:

Dwar il-ħmistax-il pajjiż fil-<u>parti preventiva</u> tal-PST:

- għal ħames pajjiżi (**il-Ġermanja, l-Estonja, il-Lussemburgu, is-Slovakkja u n-Netherlands**), l-APB instabu **konformi** mar-rekwiżiti għall-2017 skont il-PST.

- għal erba' pajjiżi (**l-Irlanda, il-Latvja, Malta u l-Awstrija**), l-APB instabu **ġeneralment konformi** mar-rekwiżiti għall-2017 skont il-PST. Għal dawn il-pajjiżi, il-pjanijiet jistgħu jirriżultaw f'xi devjazzjoni mill-perkorsi ta' aġġustament lejn l-objettiv baġitarju fuq terminu medju ta' kull pajjiż.

- għal sitt pajjiżi (**il-Belġju, l-Italja, Ċipru, il-Litwanja, is-Slovenja, il-Finlandja**), l-APB jippreżentaw **riskju ta' nuqqas ta' konformità** mar-rekwiżiti għall-2017 skont il-PST. L-APB ta' dawn l-Istati Membri jistgħu jirriżultaw f'devjazzjoni sinifikanti mill-perkorsi ta' aġġustament lejn l-objettiv fuq terminu medju. Madankollu, **il-Finlandja** applikat għall-użu tal-klawżola dwar ir-riforma strutturali u l-klawżola dwar l-investiment. Il-Kummissjoni se tqis l-inċertezza li tirrigwarda l-istimi tal-marġni tal-potenzjal tal-produzzjoni meta tikkunsidra l-eliġibbiltà tal-Finlandja għall-klawżola, li tista' min-naħa l-oħra tagħmel impatt fuq il-valutazzjoni tal-konformità. Fil-każ tal-**Litwanja**, l-APB b'ebda bidla fil-politika kien jinkludi applikazzjoni għall-użu tal-klawżola dwar ir-riforma strutturali. Il-valutazzjoni kompleta tal-eliġibbiltà possibbli kemm tal-Finlandja kif ukoll tal-Litwanja għall-flessibbiltà se sseħħ fiċ-ċiklu normali tas-Semestru Ewropew fil-kuntest tal-valutazzjoni tal-Programm ta' Stabbiltà għall-2017.

Fir-rigward tat-tliet pajjiżi li attwalment jinsabu fil-<u>parti korrettiva</u> tal-PST (jiġifieri fi Proċedura ta' Defiċit Eċċessiv):

- għal **Franza**, l-APB nstab li huwa **ġeneralment konformi** mar-rekwiżiti għall-2017 skont il-PST, billi l-previżjoni tal-Kummissjoni tal-ħarifa 2016 tipproġetta li fl-2017 id-defiċit nominali se jkun kemxejn inqas mill-valur referenzjarju tat-Trattat ta' 3 % tal-PDG, minkejja li hemm nuqqas sinifikanti fl-isforz fiskali meta mqabbel mal-livell rakkomandat u l-korrezzjoni fl-2018 ma tkunx dejjiema fuq il-bażi ta' ebda bidla fil-politika.

- għal **Spanja**, l-APB nstab li huwa f'**riskju ta' nuqqas ta' konformità** mar-rekwiżiti għall-2017 skont il-PST. Filwaqt li jirrikonoxxi n-natura ta' ebda bidla fil-politika f'dawn il-proġettazzjonijiet, il-previżjoni tal-Kummissjoni għall-2017 jipproġetta li la l-mira intermedja

[2] Ara COM(2016) 726 final, 16.11.2016.

tad-defiċit nominali, u lanqas l-isforz fiskali rrakkomandat ma huma se jinkisbu.

- għall-**Portugall**, l-APB instab li huwa f'riskju ta' nuqqas ta' konformità mar-rekwiżiti għall-2017 skont il-PST, minkejja li d-devjazzjoni pproġettata taqbeż il-limitu għal devjazzjoni sinifikanti b'marġini dejjaq ħafna. Ir-riskji jidhru li huma kkontrollati sakemm jitwettqu l-miżuri fiskali meħtieġa. Il-Portugall, li bħalissa jinsab fil-parti korrettiva, huwa pproġettat li jirrispetta l-valur referenzjarju tat-Trattat ta' 3 % tal-PDG din is-sena, kif rakkomandat. Jista' jsir soġġett għall-parti preventiva mill-2017 f'każ li tinkiseb korrezzjoni f'waqtha u sostenibbli tad-defiċit eċċessiv.

Il-Portugall u **Spanja** ppreżentaw l-APB tagħhom sa nofs Ottubru, kif ukoll rapporti dwar l-azzjoni li ttieħdet bi tweġiba għad-deċiżjonijiet tal-Kunsill biex jagħtu notifika, adottati fit-8 ta' Awwissu b'konformità tal-Artikolu 126(9) tat-Trattat. Sadanittant il-Kummissjoni vvalutat dawn id-dokumenti u daħlet fi djalogu strutturat mal-Parlament Ewropew. Il-Kummissjoni waslet għall-konklużjoni li l-Proċeduri ta’ Defiċit Eċċessiv taż-żewġ Stati Membri jeħtieġ li jiġu sospiżi. Għaldaqstant, l-avveniment li kien jeħtieġ proposta mill-Kummissjoni biex jiġu sospiżi partijiet mill-Fondi Strutturali u ta' Investiment Ewropej ma għadhiex preżenti u mhux se jkun hemm tali proposta.

Werrej

I. Introduzzjoni 6

II. Il-konklużjonijiet ewlenin dwar iż-Żona tal-Euro 8

III. Ħarsa ġenerali lejn l-Abbozzi tal-Pjanijiet Baġitarji 19

ANNESS I: Valutazzjoni tal-APB speċifiċi għall-pajjiżi ....

ANNESS II: Il-metodoloġija u s-suppożizzjonijiet li jirfdu l-previżjoni tal-Kummissjoni tal-ħarifa 2016

ANNESS III: Analiżi tas-sensiitività ....

ANNESS IV. Graffs u Tabelli ....

I. Introduzzjoni

Il-leġiżlazzjoni tal-UE tipprevedi li l-Istati Membri taż-Żona tal-Euro jippreżentaw Abbozzi ta' Pjanijiet Baġitarji (APB) għas-sena ta' wara lill-Kummissjoni sal-15 ta' Ottubru bl-għan li titjieb il-koordinazzjoni tal-politiki fiskali nazzjonali fl-Unjoni Ekonomika u Monetarja[3].

Dawn il-pjanijiet jiġbru fil-qosor il-kontenut tal-abbozzi baġitarji li l-gvernijiet jippreżentaw lill-parlamenti nazzjonali. Il-Kummissjoni tipprovdi Opinjoni fuq kull pjan u tivvaluta jekk huwiex konsistenti mal-obbligi tal-Istat Membru skont il-Patt ta' Stabbiltà u Tkabbir (PST).

Il-Kummissjoni hija meħtieġa wkoll li tipprovdi valutazzjoni kumplessiva tas-sitwazzjoni u l-prospetti baġitarji fiż-Żona tal-Euro kollha kemm hi. Din l-evalwazzjoni tal-aħħar tingħata f'din il-Komunikazzjoni flimkien mal-Komunikazzjoni tal-Kummissjoni "*Lejn Pożizzjoni Fiskali Pożittiva għaż-Żona tal-Euro*"[4].

Sas-17 ta' Ottubru tmintax-il Stat Membru taż-Żona tal-Euro kienu bagħtu l-APB tagħhom għall-2017 lill-Kummissjoni, f'konformità mad-dispożizzjonijiet tal-hekk imsejjaħ Two-Pack[5]. Bħala l-pajjiż taż-Żona tal-Euro li baqa' taħt programm ta' aġġustament makroekonomiku, il-Greċja mhijiex obbligata li tippreżenta pjan, billi l-programm diġà jipprevedi monitoraġġ fiskali mill-qrib.

F'konformità mal-indikazzjonijiet tal-Kodiċi ta' Kondotta tat-"Two-Pack"[6], iż-żewġ pajjiżi, il-Litwanja u Spanja, ppreżentaw APB dovuti tal-ebda bidla fil-politika lil gvernijiet *interim* li jinsabu fis-seħħ. Il-gvernijiet li jmiss huma mistennija li jippreżentaw APB sħaħ meta jieħdu l-kariga.

Filwaqt li jirrispettaw il-kompetenza baġitarja tal-Istati Membri, l-Opinjonijiet tal-Kummissjoni jipprovdu parir politiku oġġettiv, b'mod partikolari għall-gvernijiet u l-parlamenti nazzjonali, biex jiffaċilitaw il-valutazzjoni tal-konformità tal-abbozzi baġitarji mar-regoli fiskali tal-UE. It-Two-Pack jipprevedi sett ta' għodod komprensiv biex tiġi indirizzata l-politika ekonomika u baġitarja bħala kwistjoni ta' interess komuni fiż-Żona tal-Euro kif maħsub fit-Trattat.

Barra minn hekk, f'Lulju 2015, il-Kunsill stieden lill-Grupp tal-Euro biex jimmonitorja u jikkoordina l-politiki fiskali tal-Istati Membri taż-Żona tal-Euro u l-pożizzjoni fiskali aggregata taż-Żona tal-Euro biex tiġi żgurata politika fiskali differenzjata u li tiffavorixxi t-tkabbir[7]. Il-Kunsill irrakkomanda li l-Istati Membri taż-Żona tal-Euro, mingħajr preġudizzju għat-twettiq tar-rekwiżiti tal-PST, "jikkoordinaw il-politiki fiskali biex jaraw li l-pożizzjoni

---

[3] Kif stipulat fir-Regolament (UE) Nru 473/2013 dwar id-dispożizzjonijiet komuni għall-monitoraġġ u l-valutazzjoni tal-Abbozzi tal-pjani baġitarji u l-iżgurar tal-korrezzjoni tad-defiċit eċċessiv tal-Istati Membri fiż-Żona tal-Euro. Dan huwa wieħed miż-żewġ Regolamenti fl-hekk imsejjeħ Two-Pack li daħal fis-seħħ f'Mejju 2013.

[4] Ara COM(2016) 727 final, 16.11.2016, kif ukoll: http://ec.europa.eu/economy_finance/economic_governance/sgp/budgetary_plans/index_en.htm

[5] Minħabba li fl-2016 l-iskadenza tal-15 ta' Ottubru kienet taqa' fil-jum tas-Sibt, b'konsistenza man-normi ġuridiċi applikabbli, l-iskadenza ġiet estiża għat-Tnejn 17 ta' Ottubru.

[6] Verżjoni aġġornata tal-kodiċi ta' Kondotta tat-Two-Pack dalwaqt tkun disponibbli filwaqt li l-verżjoni kurrenti tinsab fuqhttp://ec.europa.eu/economy_finance/economic_governance/sgp/pdf/coc/2014-11-07_two_pack_coc_amended_en.pdf

[7] Ir-Rakkomandazzjoni tal-Kunsill tal-14 ta' Lulju 2015 dwar l-implimentazzjoni tal-linji gwida ġenerali għall-politiki ekonomiċi tal-Istati Membri li għandhom l-euro bħala l-munita tagħhom (ĠU C 272, 18.8.2014, p. 100).

fiskali aggregata taż-Żona tal-Euro tkun skont ir-riskji għas-sostenibbiltà u l-kundizzjonijiet ċikliċi".

F'Novembru 2015, il-Kummissjoni pproponiet Rakkomandazzjoni aġġornata dwar il-politika ekonomika taż-Żona tal-Euro, li ġiet diskussa fil-Kunsill u approvata mill-mexxejja tal-UE fil-laqgħa tal-Kunsill Ewropew fit-18 u d-19 ta' Frar 2016[8].

Din ir-rakkomandazzjoni hija ankra għall-valutazzjoni tal-Kummissjoni. Bħala parti miċ-ċiklu annwali tas-Semestru Ewropew, il-Kummissjoni qed tipproponi wkoll Rakkomandazzjoni ġdida dwar il-politika ekonomika taż-Żona tal-Euro għall-2017-2018 flimkien ma' dan il-pakkett[9].

L-għan ta' din il-Komunikazzjoni jinqasam fi tnejn: L-ewwel nett, hija tipprovdi stampa globali tal-politika baġitarja fil-livell taż-Żona tal-Euro, filwaqt li tibni fuq valutazzjoni orizzontali tal-APB. Dan l-eżerċizzju jirrifletti l-valutazzjoni orizzontali tal-Programmi ta' Stabbiltà li sseħħ fir-rebbiegħa, iżda b'enfasi fuq is-sena li jmiss, pjuttost milli fuq il-pjanijiet fiskali fuq terminu medju. It-tieni nett, hija tipprovdi ħarsa ġenerali lejn l-APB fil-livell tal-pajjiż, u tispjega l-approċċ tal-Kummissjoni fil-valutazzjoni tagħhom, speċifikament għall-konformità mar-rekwiżiti tal-PST. Il-valutazzjoni hija differenzjata skont jekk Stat Membru jkunx fil-parti preventiva jew f'dik korrettiva tal-PST u tqis ukoll ir-rekwiżiti f'dak li jirrigwarda l-livell u d-dinamika tad-dejn tal-gvern.

8 Ara r-Rakkomandazzjoni tal-Kunsill dwar il-politika ekonomika taż-Żona tal-Euro: http://data.consilium.europa.eu/doc/document/ST-5540-2016-INIT/en/pdf

9 Ara COM(2016) 726 final, 16.11.2016.

II. Il-konklużjonijiet ewlenin dwar iż-Żona tal-Euro

Il-perspettiva ekonomika li tinsab fl-APB u l-Previżjoni tal-Kummissjoni tal-Ħarifa 2016

Il-gvernijiet qed jaraw l-irkupru mill-kriżi ekonomika u finanzjarja miexi b'mod kostanti iżda mhux mgħaġġel fiż-Żona tal-Euro. Skont is-suppożizzjonijet makroekonomiċi pprovduti fl-APB, il-PDG se jikber b'1,7 % fl-2016 fit-tmintax-il Stat Membru taż-Żona tal-Euro kkonċernati (ŻE-18), ftit aktar mill-1,4 % mistenni fiż-żmien tal-Programmi ta' Stabbiltà f'April 2016 (it-Tabella 1). Għall-2017, il-perspettiva tat-tkabbir issegwi l-istess perkors, bi tkabbir fil-PDG previst li jkun ta' 1,6 % fiż-ŻE-18 meta mqabbel mal-1,7 % mbassra fil-Programmi ta' Stabbiltà. Hekk kif l-irkupru mistenni li jipproċedi, iżda ma jżidx fil-pass, id-differenza bejn il-prodott reali u dak potenzjali qed tkompli tonqos. Skont il-pjanijiet, il-marġni tal-potenzjal tal-produzzjoni fiż-ŻE-18 huwa pproġettat li jkun ta' -0,8 % tal-PDG potenzjali fl-2016 u li jkompli jonqos għal -0,5 % fl-2017, wara li kien saħansitra inqas minn -2 % sa ftit żmien ilu fl-2014. Din it-tendenza hi evidenti fil-parti l-kbira tal-Istati Membri, għalkemm mhux mingħajr differenzi bejn il-pajjiżi. Il-prospettiva dwar l-inflazzjoni għadha baxxa, u l-livell mistenni ta' inflazzjoni tal-HICP 2016 jaqa' b'mod partikolari meta mqabbel mal-Programmi ta' Stabbiltà ppreżentati fir-rebbiegħa. Skont l-APB, ir-rata tal-inflazzjoni se tkun ta' 0,4 % fl-2016 u hija pproġettata li tiżdied għal 1,2 % fl-2017 (ftit inqas mill-projezzjoni ta' 1,4 % għall-2017 mill-Programmi ta' Stabbiltà). Sbatax-il Stat Membru jikkonformaw mar-rekwiżit tar-Regolament UE Nru 473/2013 li l-abbozz tal-baġit irid ikun ibbażat fuq previżjonijiet makroekonomiċi approvati jew imħejjija b'mod indipendenti[10].

L-istampa ekonomika li tirriżulta mit-tmintax-il APB hija ġeneralment ikkonfermata mill-previżjoni tal-Kummissjoni. Hija tindika wkoll l-irkupru ekonomiku minkejja kajman fost kundizzjonijiet dinjin li joffru sfida akbar. Il-tbassir tal-Kummissjoni jipprevedi li t-tkabbir reali tal-PDG se jiddgħajjef ftit (minn 1,7 % fl-2016 għal 1,5 % fl-2017). Id-domanda domestika bħalissa hija sostnuta minn sitwazzjoni ta' prezzijiet baxxi taż-żejt, effett kollaterali minn rata tal-kambju tal-euro li għadha relattivament baxxa u politika monetarja akkomodanti. Fl-istess ħin, id-dinamika sottostanti tad-domanda domestika għadha kajmana. Il-kundizzjonijiet ekonomiċi dinjin qed jikkonfrontaw inċertezza dejjem tiżdied, partikolarment wara r-referendum tar-Renju Unit dwar is-sħubija mal-UE u żviluppi ġeopolitiċi oħra, filwaqt li l-kummerċ dinji naqqas il-pass. Dan ta' hawn fuq jenfasizza l-ħtieġa li jissaħħu s-sorsi domestiċi ta' tkabbir. Barra minn hekk, għadd ta' żviluppi jistgħu jirriżultaw fi tkabbir anqas milli mistenni mill-Kummissjoni, bħal deterjorament ulterjuri tal-kummerċ dinji. L-irkupru fraġili iżda għadu għaddej huwa rifless f'kontinwazzjoni tat-tnaqqis fid-differenza bejn il-prodott reali u dak potenzjali fil-previżjoni tal-Kummissjoni. Il-marġni tal-potenzjal tal-produzzjoni negattiv ta' 2,2 % tal-PDG potenzjali fl-2014 huwa mistenni li jonqos għal 0,8 % din is-sena u għal 0,5 % fl-2017. Minħabba nuqqas kontinwu ta' ċertezza fuq il-kejl tad-differenza fil-marġni tal-potenzjal tal-produzzjoni f'xi Stati Membri, il-Kummissjoni esplorat mezzi possibbli biex tittejjeb il-metodoloġija u l-applikazzjoni tagħha filwaqt li tibqa' konsistenti mal-prinċipji stabbiliti għall-iffissar ta' rekwiżiti fiskali tal-Istati Membri (ara l-Kaxxa 1 hawn taħt).

[10] Fil-każ tal-Ġermanja, ma hemm l-ebda korp indipendenti inkarigat biex iħejji jew japprova l-previżjonijiet makroekonomiċi.

It-tkabbir li qed ikompli, minkejja li kajman, mhuwiex rifless fl-iżviluppi tal-prezzijiet, billi l-prospettiva tal-inflazzjoni baqgħet baxxa fil-livell aggregat. It-tbassir tal-Kummissjoni jipproġetta inflazzjoni tal-HICP ta' 0,3 % biss din is-sena, bi previżjoni ta' żieda għal 1,4 % fl-2017, li jirrifletti tnaqqis tal-marġni tal-potenzjal tal-produzzjoni flimkien ma' pożizzjoni monetarja akkomodanti ħafna. Minkejja differenzi fost l-Istati Membri, l-assunzjoni hi li r-rati tal-imgħax se jibqgħu f'livelli storikament baxxi fl-2017. Fl-istess ħin, l-eċċess kbir ta' tfaddil fuq l-investiment huwa mistenni li jippersisti fl-2017, bil-bilanċ estern taż-Żona tal-Euro previst li jkun f'surplus ta' 3,5 % tal-PDG, biss marġinalment taħt il-livell tiegħu fl-2016 (3,7 % tal-PDG).

Il-prospettiva fiskali li tinsab fl-APB u fil-Previżjoni tal-Kummissjoni tal-Ħarifa 2016

Skont l-APB d-defiċit nominali tal-baġit aggregat huwa ppjanat li jkompli jonqos din is-sena u li jmiss. Fiż-ŻE-18, id-defiċit huwa mbassar li jkun ta' 1,8 % tal-PDG fl-2016, inqas minn 2,0 % s-sena l-oħra[11]. Fl-2017, il-proporzjon aggregat tad-defiċit huwa ppjanat li jonqos għal 1,5 % tal-PDG. Dan l-aġġustament huwa iżgħar mit-tnaqqis ta' 0,5 punt perċentwali fl-2017 li kien ipproġettat fil-Programmi ta' Stabbiltà, minkejja li beda minn defiċit ftit iktar baxx fl-2016 milli kien previst fir-rebbiegħa. Filwaqt li jippermetti prospetti makroekonomiċi marġinalment inqas, it-tnaqqis iżgħar fid-defiċit jista' jkun xprunat minn sforz fiskali iżgħar (ara hawn taħt). Iż-żidiet fl-infiq marbuta mal-kriżi tar-refuġjati u miżuri relatati mas-sigurtà huma mistennija jikkontribwixxu għall-iżviluppi fin-nefqa f'għadd żgħir ta' Stati Membri.

Tabella 1: Ħarsa ġenerali lejn l-aggregati ekonomiċi u baġitarji (ŻE-18) għall-2016-17

	2016			2017		
	Programmi ta' Stabblità tal-2016 (April)	**Abbozzi ta' Pjanijiet Baġitarji (Ottubru)**	**Previżjoni tal-Kummissjon i għall-ħarifa 2016 (Novembru)**	**Programmi ta' Stabblità tal-2016 (April)**	**Abbozzi ta' Pjanijiet Baġitarji (Ottubru)**	**Previżjoni tal-Kummissjon i għall-ħarifa 2016 (Novembru)**
Tkabbir reali tal-PDG (bidla fil-%)	1,8	1,7	1,7	1,7	1,6	1,5
Inflazzjoni tal-HICP (bidla fil-%)	1,2	0,4	0,3	1,4	1,2	1,4
Defiċit nominali (% tal-PDG)	-1,9	-1,8	-1,8	-1,4	-1,5	-1,5
Tibdil fil-bilanċ strutturali (p.p. tal-PDG)	-0,3	-0,2	-0,2	0,2	0,1	0,0
Dejn (% tal-PDG)	90,3	90,1	90,1	89,0	89,0	89,1

[11] Meta ssir referenza għall-pjanijiet tal-Istati Membri, id-*data* għall-2015 hija bbażata fuq iċ-ċifri inklużi fl-APB u għalhekk tista' ma tkunx tinkorpora r-reviżjonijiet li saru mill-Eurostat bħala parti min-notifika tal-EDP tal-ħarifa tal-2016.

Il-proporzjon tan-nefqa aġġustat ċiklikament (% tal-PDG potenzjali)	47,3	47,4	47,5	46,9	47,2	47,3
Proporzjon ta' nefqa aġġustat ċiklikament (% tal-PDG potenzjali)	46,0	46,1	46,2	45,9	46,0	46,1

Il-pożizzjoni baġitarja kif imkejla mit-tibdil fil-bilanċ strutturali aggregat, jibqa' fil-biċċa l-kbira stabbli matul l-2016-2017 skont l-APB. Il-bilanċ strutturali huwa ppjanat li jonqos ftit fl-2016 (0,2 % tal-PDG), u jiġi segwit minn żieda ta' 0,1 % tal-PDG s-sena d-dieħla. Ix-xejra fil-pożizzjoni baġitarja strutturali fil-livell aggregat hija ġeneralment ikkonfermata bl-użu ta' kejl alternattiv tal-isforz fiskali diskrezzjonali, magħruf ukoll bħala d-DFE (discretionary fiscal effort), li jissuġġerixxi aġġustament ta' 0,4 % skont l-APB fl-2016 u 0,2 % fl-2017. (il-Graff A4.1 tal-Anness 4)[12]. Madankollu, minħabba l-inċertezzi dwar stimi tal-marġni tal-potenzjal tal-produzzjoni, l-iżviluppi fl-2016 ma għandhomx jiġu esaġerati. Dawn l-iżviluppi huma ġeneralment f'konformità mal-proġettazzjonijiet għall-perjodu 2016-2017 li huma inklużi fil-Programmi ta' Stabbiltà tar-rebbiegħa. L-intervall fil-konsolidazzjoni fiskali qed isseħħ fl-isfond ta' prospettiva ekonomika li qed titjieb gradwalment iżda li għadha fraġli u ta' tnaqqis fil-marġni tal-potenzjal tal-produzzjoni. Flimkien mal-fatt li ħames Stati Membri biss (u waħda biss minn fost l-akbar ekonomiji) qed jippjanaw li jkunu laħqu jew qabżu l-objettivi baġitarji fuq terminu medju tagħhom fl-aħħar tal-2017[13], in-nuqqas ippjanat ta' aġġustament strutturali fl-2017 qiegħed b'mod apparenti jonqos milli jilħaq ir-rekwiżiti tal-PST. Madankollu, l-aġġustament strutturali aggregat għandu jitqies biss bħala indikattiv f'dan ir-rigward, billi jonqos milli jirrifletti d-differenzi importanti bejn l-Istati Membri rigward ir-rekwiżiti tal-PST, li huma s-suġġett tal-valutazzjonijiet speċifiċi għal kull pajjiż tal-Kummissjoni.

Il-Previżjoni tal-Kummissjoni tal-ħarifa 2016 tistenna li d-defiċit nominali aggregat jonqos minn 1,8 % tal-PDG fl-2016 għal 1,5 % tal-PDG fl-2017, bil-bilanċ strutturali ġeneralment stabbli matul il-perjodu ta' sentejn. L-istabbiltà fil-bilanċ strutturali fl-2016 u fl-2017 mistenni mill-Kummissjoni jinkludi l-previżjoni ta' tnaqqis fin-nefqa fuq l-imgħax ta' 0,2 % tal-PDG fl-2016 u 0,1 % tal-PDG fl-2017. Għalhekk fil-livell aggregat, skont il-Previżjoni tal-Kummissjoni l-bilanċ strutturali primarju huwa stmat li jonqos b'0,4 % tal-PDG fl-2016 u b'0,2 % tal-PDG fl-2017. Dan il-qari huwa kkonfermat mill-DFE, li juri aġġustament negattiv ta' 0,5 % tal-PDG fl-2016 u 0,3 % tal-PDG fl-2017. Il-qligħ li jirriżulta minn livelli storikament baxxi ta' rati ta' imgħax fuq id-dejn tal-gvern huma għalhekk, fuq livell aggregat, fil-biċċa l-kbira mhux użati għat-tnaqqis tad-defiċit. Il-Grupp tal-Euro kien

12 Id-DFE huwa indikatur alternattiv tal-qagħda fiskali żviluppat għal skopijiet analitiċi u huwa separat mill-indikaturi użati biex jivvalutaw il-konformità skont il-PST. Huwa jikkonsisti f'approċċ "minn isfel għal fuq" fuq in-naħa tad-dħul u f'approċċ "minn fuq għal isfel" fuq in-naħa tal-infiq. Għal aktar informazzjoni, ara l-Parti III tar-"Rapport dwar il-Finanzi Pubbliċi fl-UEM tal-2013", *European Economy*, 4, 2013.

13 Il-Ġermanja, l-Estonja, il-Litwanja, il-Lussemburgu, u n-Netherlands. Barra minn hekk, żewġ Stati Membri huma mistennija li jibqgħu fi Proċedura ta' Defiċit Eċċessiv is-sena d-dieħla, jiġifieri Spanja u Franza.

tal-parir li dan il-qligħ jintuża biex itejjeb il-finanzi pubbliċi u – skont is-sitwazzjoni speċifika għall-pajjiż – l-investiment fl-infrastruttura jew ir-riformi strutturali[14].

L-istampa aggregata għad-defiċit fiż-Żona tal-Euro ġeneralment jaħbat bejn l-APB u l-previżjoni tal-Kummissjoni. Id-differenzi bejn l-APB individwali u l-previżjonijiet tal-Kummissjoni rigward id-defiċit jistgħu jkunu relattivament kbar, għal raġunijiet li jvarjaw minn pajjiż għal ieħor. Fil-maġġoranza tal-pajjiżi, il-Kummissjoni tipprevedi li d-defiċit se jkun ogħla meta mqabbel mal-APB rispettivi, u l-akbar differenzjali se jkunu fis-Slovenja, il-Portugall, il-Belġju u l-Litwanja (it-Tabella A4.1 u l-Graff A4 4 tal-Anness 4). Id-differenzjali pożittivi previsti li fadal huma kollha f'firxa ta' 0,3 punt perċentwali, filwaqt li l-previżjoni tal-Kummissjoni hija għal ċifra tad-defiċit aktar baxxa fil-Ġermanja, f'Ċipru, fl-Estonja, fil-Latvja, fin-Netherlands u fil-Finlandja.

Id-distribuzzjoni tal-bidla fil-bilanċ strutturali aggregat madwar l-Istati Membri ma jidhirx li tirrifletti l-pożizzjoni tal-Istati Membri rigward ir-rekwiżiti tal-PST u d-disponibbiltà ta' spazju fiskali. B'mod partikolari, uħud mill-Istati Membri, li għadhom relattivament 'il bogħod mill-OTM tagħhom, huma mistennija li jsegwu politika espansjonista jagħmlu ftit aġġustament fiskali, b'mod partikolari Spanja, Franza u l-Italja. Min-naħa l-oħra, xi Stati Membri li kisbu aktar mill-OTM tagħhom, huma mistennija li jagħmlu ftit użu mill-ispazju fiskali tagħhom, partikolarment il-Ġermanja.

Għal dak li jirrigwarda d-dejn pubbliku, wara li laħaq massimu fl-2014 ta' 93 % tal-PDG, il-proporzjon tad-dejn aggregat huwa ppjanat li jonqos bi ftit kemm fl-2016 kif ukoll fl-2017, skont l-APB b'konformità mal-previżjonijiet li fuqhom kienu bbażati l-Programmi ta' Stabbiltà. Dan huwa xprunat minn bilanċi primarji pożittivi u aġġustamenti favorevoli bejn il-fondi u l-flussi[15]. Filwaqt li jinsab 89 % tal-PDG fl-2017, il-proporzjon aggregat jaħbi firxa sħiħa ta' ċifri nazzjonali. Il-proporzjonijiet tad-dejn fl-Istati Membri individwali jvarjaw minn 133 % tal-PDG fl-Italja għal ftit inqas minn 10 % tal-PDG fl-Estonja. Id-*data* għall-Greċja, li għandha livell eċċezzjonalment għoli ta' dejn, mhix inkluża.

Il-previżjonijiet tal-Kummissjoni huma konformi mad-dejn aggregat imbassar mill-Istati Membri. Filwaqt li l-proporzjon tad-dejn aggregat għadu għoli ħafna, il-Kummissjoni tistenna li se jonqos kemm din is-sena kif ukoll is-sena d-dieħla, għal 89,1 % tal-PGD fl-2017, u dan jirrifletti l-istess fatturi bħall-pjanijiet tal-gvern (meta t-tnaqqis fil-piż tal-imgħax tad-dejn u l-hekk imsejjaħ effett valanga ma jibqgħux jikkontribwixxu għaż-żieda fid-dejn aggregat). Madankollu, jinħtieġ li jiġi rikonoxxut li parti kbira mit-tnaqqis tad-dejn fiż-Żona tal-Euro huwa dovut għall-Ġermanja. Meta l-Ġermanja hija eskluża mill-kalkoli, il-proporzjon tad-dejn aggregat previst mill-Kummissjoni jaqa' biss b'0,2 punti perċentwali kemm fl-2016 kif ukoll fl-2017, meta mqabbel ma' tnaqqis ta' 1 punt perċentwali f'dawn is-sentejn għall-aggregat kollu. Barra minn hekk, jekk wieħed jeskludi l-Ġermanja, f'livell ta' 99 % tal-PDG, id-dejn aggregat għadu ħafna ogħla. Hawnhekk ukoll, id-differenzi bejn l-APB u l-previżjoni tal-Kummissjoni jistgħu jkunu ikbar fil-livell tal-Istati Membri, għal raġunijiet li jvarjaw minn pajjiż għal ieħor. L-ikbar differenzjali pożittivi jirrigwardaw lill-Portugall u lil Franza, filwaqt li jeżistu wkoll differenzjali negattivi f'għadd ta' pajjiżi, fejn il-previżjonijiet tad-dejn tal-Kummissjoni huma aktar baxxi minn dawk tal-Istati Membri (it-Tabella A4.3 u l-Graff A4.5 tal-Anness 4). Fil-livell aggregat, il-bidla fid-dejn prevista mill-

---

[14] Dawn il-prinċipji ġew affermati mill-Grupp tal-Euro fil-5 ta' Ottubru 2015: http://www.consilium.europa.eu/mt/meetings/eurogroup/2015/10/05/.

[15] It-tnaqqis ippjanat tal-proporzjon tad-dejn aggregat huwa ħafna iżgħar meta wieħed jeskludi l-Ġermanja miċ-ċifra aggregata (-1,6 kontra -3,9 punti perċentwali matul l-2015-17).

Istati Membri fl-2017 huwa akbar minn dak previst mill-Kummissjoni, li tirrifletti l-aktar l-aġġustamenti bejn il-fondi u l-flussi.

Il-proporzjon tad-dejn aggregat taż-Żona tal-Euro ma jistax jiġi vvalutat f'termini ta' konformità mar-rekwiżiti tad-dejn tal-PST billi l-Istati Membri li jikkostitwixxuh għandhom *status* differenti fir-rigward tal-PST[16]. Madankollu, għaxar Stati Membri taż-Żona tal-Euro li ppreżentaw APB huma soġġetti għall-parametru referenzjarju tat-tnaqqis fid-dejn. Skont il-previżjoni tal-Kummissjoni, sebgħa minn dawn l-għaxra huma mistennija li jkunu konformi miegħu (jew mar-regola tranżitorja tad-dejn jekk applikabbli).

Applikazzjoni tal-Patt ta' Stabbiltà u Tkabbir

Il-flessibbiltà inkorporata fil-PST tippermetti li jiġi akkomodat l-infiq eċċezzjonali marbut ma' avvenimenti mhux tas-soltu lil hinn mill-kontroll tal-gvern u li għandhom impatt kbir fuq il-finanzi pubbliċi, kemm fil-parti preventiva kif ukoll f'dik korrettiva tal-Patt. Bħal fl-2015, għadd ta' APB tal-Istati Membri jsemmu l-impatt baġitarju tal-fluss eċċezzjonali ta' refuġjati (l-Awstrija, il-Belġju, l-Italja, is-Slovenja u l-Finlandja). B'mod simili, il-Belġju, l-Italja u l-Awstrija wkoll għamlu referenza fl-APB tagħhom għal spejjeż addizzjonali relatati mat-theddid tat-terroriżmu. Barra minn hekk, l-Italja talbet għal trattament speċjali fir-rigward tal-ispejjeż li rriżultaw mit-terremoti ta' dan l-aħħar. Il-Finlandja applikat biex tuża l-klawżola tar-riforma strutturali u l-klawżola dwar l-investiment fl-2017 filwaqt li, għalkemm ġie ppreżentat APB b'ebda bidla fil-politika minħabba l-elezzjonijiet nazzjonali, il-Litwanja wriet ukoll l-intenzjoni tagħha li tapplika biex tuża l-klawżola tar-riforma strutturali.

Ir-rekwiżiti tal-aġġustament skont il-PST, kemm fil-parti preventiva kif ukoll f'dik korrettiva, huma stabbiliti f'termini ta' bidla fil-bilanċ strutturali. Il-Kummissjoni għalhekk se tivvaluta (fuq bażi *ex post*, każ b'każ) tad-devjazzjoni temporanja mir-rekwiżiti għall-2016 u l-2017 minħabba l-kostijiet addizzjonali f'kull waħda minn dawn is-sentejn li rriżultaw mill-ispejjeż eċċezzjonali meta mqabbla mas-sena ta' qabel. Fejn rilevanti, l-opinjonijiet tal-Kummissjoni dwar l-APB jinkludu dikjarazzjonijiet fattwali dwar kif il-valutazzjoni ta' konformità tista' tiġi affettwata kieku kellhom jiġu kkoreġuti għal avvenimenti mhux tas-soltu, bħall-flussi tar-refuġjati u l-ispejjeż relatati mat-theddida tat-terroriżmu.

Kaxxa 1: L-implimentazzjoni tal-approċċ tal-"ġudizzju limitat" fl-eżerċizzju ta' sorveljanza baġitarja tal-ħarifa 2016

Ftehim biex tiġi eżaminata l-plawżibbiltà tal-istimi tal-marġni tal-potenzjal tal-produzzjoni

Il-Kunsill ECOFIN Informali ta' Amsterdam ta' April 2016, talab li jsir titjib fil-metodoloġija miftiehma għall-kalkolu tat-tkabbir potenzjali u tal-marġni tal-potenzjal tal-produzzjoni. Biex dan il-mandat mill-Kunsill jiġi rrispettat, f'Ottubru 2016 l-Istati Membri qablu dwar żewġ passi konkreti.

L-ewwel nett, ġie miftiehem li metodoloġija riveduta għall-kalkolu ta' mudell tal-pagi li ma jaċċellerax tal-qgħad tiġi introdotta fil-metodoloġija miftehma b'mod komuni. Din il-bidla diġà ġiet implimentata fil-previżjoni tal-ħarifa tal-Kummissjoni 2016. It-tieni, ġie miftiehem

[16] Ir-rekwiżiti tad-dejn tal-Istati Membri skont il-PST jvarjaw skont jekk humiex fil-parti korrettiva jew f'dik preventiva u jekk il-proporzjon tad-dejn tagħhom huwiex aktar jew anqas minn 60 % tal-PDG.

li "għodda ta' plawżibbiltà" ġdida tista' tintuża biex tindika każijiet fejn ir-riżultati tal-metodoloġija miftiehma jistgħu jiġu interpretati bħala ekonomikament kontrointuwittivi.

L-għadda ta' plawżibbiltà tipprovdi stima alternattiva speċifika għall-pajjiż tal-livell tal-marġni tal-potenzjal tal-produzzjoni għal sena partikolari (jiġifieri l-2016 fil-każ attwali), abbażi ta' metodoloġija ta' valutazzjoni statistika diskussa fil-grupp ta' ħidma dwar il-marġini tal-potenzjal tal-produzzjoni (OGWG - output gap working group). Meta d-differenza bejn l-istima alternattiva u l-istima fuq il-bażi tal-metodu komuni taqbeż ċertu limitu, dan jindika li l-marġni tal-potenzjal tal-produzzjoni bbażata fuq il-metodu komuni tista' tkun "kontrointuwittiva".

Ir-riżultati tal-għodda tal-plawżibbiltà

Meta l-marġni tal-potenzjal tal-produzzjoni ta' Stat Membru jkun ġie identifikat bħala kontrointuwittiv, il-firxa bejn il-marġni tal-potenzjal tal-produzzjoni tal-metodu komuni u l-kalkolu alternattiv tkun tikkostitwixxi "firxa plawżibbli", li fiha l-livell plawżibbli tal-marġni tal-potenzjal tal-produzzjoni jista' jiġi identifikat mill-Kummissjoni u użat għal skopijiet ta' sorveljanza fiskali (ara hawn taħt).

L-analiżi tal-plawżibbiltà ma tistax issir għas-snin futuri. Sabiex l-għodda tal-plawżibbiltà ssir operazzjonali għas-sorveljanza fiskali li tkopri s-sena 2017, hu meħtieġ li tiġi estrapolata l-firxa tal-plawżibbiltà mill-2016, sabiex jiġi ġġenerat kalkolu alternattiv tal-marġni tal-potenzjal tal-produzzjoni għas-sena 2017. L-estrapolazzjoni firxa tal-"plawżibbiltà" mill-2016 sal-2017 tfisser li d-distanza bejn il-marġni tal-potenzjal tal-produzzjoni tal-metodu komuni u l-kalkolu alternattiv fl-2016 titwettaq u tiġi applikata direttament għall-marġni tal-potenzjal tal-produzzjoni tal-metodu komuni fl-2017. Għalhekk, ma hemmx impatt fuq il-bidla minn sena għall-oħra fil-marġni tal-potenzjal tal-produzzjoni.

Huwa importanti li wieħed jinnota li r-riżultati tal-għodda ta' pawżibbiltà ma jkollhomx impatt fuq il-previżjoni tal-ħarifa tal-Kummissjoni 2016, billi l-marġni tal-potenzjal tal-produzzjoni u l-kalkoli tal-bilanċ strutturali fil-previżjoni jkomplu jiġu bbażati fuq il-metodu komuni. Ir-riżultati tal-għodda ta' plawżibbiltà jintużaw bħala fattur kwalitattiv addizzjonali li mbagħad jiġi kkunsidrat fil-kuntest ta' valutazzjonijiet fiskali tal-Kummissjoni.

L-użu tar-riżultati tal-għodda ta' plawżibbiltà fis-sorveljanza baġitarja: "il-prinċipji ta' ffriżar" biex jiġu stabbiliti r-rekwiżiti tal-Istati Membri

Fl-opinjonijiet tagħha dwar l-APB, il-Kummissjoni qed tivvaluta l-konformità mar-rekwiżiti fiskali għall-2016 u l-2017 li jingħataw mill-Kunsill tal-2016 fir-rakkomandazzjonijiet speċifiċi għall-pajjiż. Skont il-parti preventiva, ir-rekwiżiti fiskali joħorġu mill-hekk imsejħa matriċi tar-rekwiżiti inkluża fil-Pożizzjoni Miftiehma b'Mod Komuni dwar il-Flessibbiltà fil-Patt ta' Stabbiltà u Tkabbir, li tirregola l-livell meħtieġ tal-aġġustament fiskali skont iċ-ċiklu ekonomiku[17].

Ir-rekwiżit għall-2017 ġie stabbilit fir-rebbiegħa tal-2016 abbażi tal-previżjoni tal-marġni tal-potenzjal tal-produzzjoni għall-2017. Ladarba r-rekwiżiti jiġu stabbiliti, dawn ikunu kkunsidrati ffriżati. Id-disponibbiltà ta' sett ġdid ta' informazzjoni rigward il-pożizzjoni ċiklika tal-Istati Membri tirriżulta fi skonġelar tar-rekwiżit biss f'għadd limitat ħafna ta' każijiet:

[17] http://data.consilium.europa.eu/doc/document/ST-14345-2015-INIT/en/pdf

i) Meta Stat Membru jkun ġie vvalutat mill-ġdid bħala fi żmien ekonomiku ħażin ħafna jew eċċezzjonalment ħażin, imkejjel bħala marġni tal-potenzjal tal-produzzjoni ta’ inqas minn -3 % tal-produzzjoni potenzjali.

ii) Meta l-livell tal-bilanċ strutturali ta' Stat Membru jkun ġie rivedut. sabiex biex jagħti riżultati fuq ir-rekwiżit oriġinali jkun jimplika li mar li hinn mill-OTM tiegħu.

Dawn il-prinċipji miftehma dwar l-iffriżar se japplikaw ukoll fir-rigward tal-implikazzjonijiet tar-riżultati tal-għodda tal-plawżibbiltà għall-ħtiġijiet tal-Istati Membri, b’mod partikolari meta jitqiesu l-ħtiġijiet li joħorġu mill-matriċi. Għalhekk, fil-prattika, il-każijiet fejn il-marġni tal-potenzjal tal-produzzjoni tal-metodu komuni jista’ jkun negattiv iżżejjed mhumiex eżaminati billi ma jistgħux iwasslu għal rekwiżit aktar baxx.

Huwa importanti li jiġi ddikjarat mill-ġdid li dan il-proċess mhux se jwassal għal reviżjoni reali tar-rekwiżit formali stabbilit fir-rakkomandazzjonijiet speċifiċi għall-pajjiż. Minflok, se jitqies l-eżitu tal-analiżi bħala fattur kwalitattiv meta titwettaq valutazzjoni ġenerali tal-konformità.

Barra minn hekk, il-bidla fil-livell li jimplikaw il-marġni tal-potenzjal tal-produzzjoni alternattivi tista' wkoll ikollha impatt fuq l-eliġibbiltà ta' xi Stati Membri biex jużaw il-klawżoli ta’ riforma strutturali u ta’ investiment.

Billi l-għodda ma tipprovdix indikazzjonijiet dwar il-bidla fil-marġni tal-potenzjal tal-produzzjoni, li għandha impatt fuq il-kejl tal-isforz fiskali permezz tal-bilanċ strutturali, ma hemm l-ebda impatt fuq il-kejl tal-isforz fiskali fl-2017.

L-impatt fuq il-valutazzjonijiet tal-APB tal-Istati Membri

Fuq il-bażi tal-previżjoni tal-Kummissjoni tal-ħarifa 2016, sitt pajjiżi taż-Żona tal-Euro huma indikati mill-għodda ta' plawżibbiltà li possibbilment se jkollhom marġni tal-potenzjal tal-produzzjoni ferm aktar negattiv minn dak stmat mill-metodoloġija komuni: L-Awstrija, il-Finlandja, l-Italja, il-Lussemburgu, il-Latvja u s-Slovenja. F’dawn il-pajjiżi kollha minbarra l-Finlandja, l-analiżi dettaljata indikat li r-riżultati tal-għodda ta' plawżibbiltà ma għandhom l-ebda impatt fuq il-valutazzjoni tal-Kummissjoni tal-konformità tal-pajjiż mal-PST. Fil-każ tal-Finlandja, l-analiżi indikat li l-marġni tal-potenzjal tal-produzzjoni x’aktarx li se jkun ogħla minn dak stmat fuq il-bażi ta’ metodoloġija komuni u bħala riżultat ta’ dan il-pajjiż huwa mistenni li jirrispetta l-marġini ta’ sikurezza fir-rigward tal-valur referenzjarju ta’ 3 % tal-PGD tat-Trattat, li huwa l-limitu ta’ eliġibbiltà għall-użu tal-klawżoli ta’ riforma strutturali u ta’ investiment.

Il-Kummissjoni se tkompli taħdem mal-Istati Membri fix-xhur li ġejjin biex tesplora aktar mezzi biex ittejjeb il-marġni tal-potenzjal tal-produzzjoni u l-applikazzjoni tiegħu.

Il-kompożizzjoni tal-aġġustament fiskali

L-APB jipprevedu biss bidliet limitati fil-kompożizzjoni tal-finanzi pubbliċi fl-2016-17 għaż-Żona tal-Euro kollha kemm hi (it-Tabella A4.5 u l-Graffs A4.2a-b tal-Anness 4). Il-proporzjon tan-nefqa tal-gvern mal-PDG huwa ppjanat li jonqos b'0,4 punt perċentwali fl-2017. Madankollu, 0,1 ta' punt perċentwali huwa marbut mal-iffrankar min-nefqa tal-imgħax. It-tnaqqis l-ieħor, li jidher sostantiv, huwa dovut l-aktar għall-kundizzjonijiet ċikliċi. Il-proporzjon tan-nefqa primarja kkoreġuta għall-effett taċ-ċiklu ekonomiku juri tnaqqis ta' 0,1 ta' punt perċentwali biss. Dan it-tnaqqis huwa kkumpensat parzjalment mit-tnaqqis ippjanat tat-taxxi, kif evidenzjat mit-tnaqqis żgħir fil-proporzjon ta' dħul aġġustat ċiklikament (0,1

punt perċentwali fl-2017). F'dan ir-rigward, il-pjanijiet tal-Istati Membri biex inaqqsu l-infiq bħala sehem mill-prodott potenzjali fil-biċċa l-kbira, b'mod aggregat, ma mmaterjalizzawx matul dawn l-aħħar ftit snin. Il-previżjoni tal-Kummissjoni tal-ħarifa 2016 tikkonferma din l-interpretazzjoni. L-elastiċità fiskali ġeneralment unitarja implikata miż-żewġ APB u mill-previżjoni tal-Kummissjoni tindika li t-tnaqqis fid-dħul huwa xprunat minn miżuri governattivi (it-Tabella A4.6 tal-Anness 4).

L-aġġustament ippjanat mhuwiex mistenni li jagħmel ħsara lill-prospetti tat-tkabbir fuq terminu medju, għalkemm jista' jkun hemm lok għal għażliet aktar favorevoli għat-tkabbir fit-tnaqqis tal-infiq. Il maġġoranza tal-kategoriji ta' nfiq huma ppjanati li jaqgħu bħala perċentwal tal-produzzjoni totali, għalkemm kif osservat it-tnaqqis kumplessiv żgħir fin-nefqa huwa xprunat minn fatturi ċikliċi. L-akbar tnaqqis għandu effett fuq il-kumpens tal-impjegati u nefqa fuq l-imgħax, fejn l-Istati Membri qed jibbenefikaw minn iffrankar sinifikanti fuq dawn tal-aħħar (kif diskuss f'aktar dettall fit-taqsima li jmiss). Billi l-aktar infiq produttiv mhuwiex qed jintlaqat primarjament, l-aġġustament ippjanat mhuwiex mistenni li jagħmel ħsara lill-prospetti tat-tkabbir fuq terminu medju, għalkemm jista' jkun hemm lok għal għażliet aktar favorevoli għat-tkabbir. B'mod partikolari, in-nefqa kapitali mhix ippjanata li tikber, għalkemm il-livelli attwali huma baxxi minn perspettiva storika. Barra minn hekk, it-titjib fil-governanza fiskali nazzjonali, inkluż l-istabbiliment ta' analiżi tan-nefqa effiċjenti, jista' jappoġġa nfiq pubbliku li jiffavorixxi t-tkabbir. Ara l-Kaxxa 2 hawn taħt dwar prinċipji ta' gwida għal analiżi tan-nefqa effettiva kif maqbul mill-Grupp tal-Euro. Il-previżjoni tal-Kummissjoni hija ġeneralment skont l-APB, u tikkonferma l-akbar tnaqqis fil-pagamenti tal-imgħax u l-pagi pubbliċi, għalkemm il-previżjoni tal-Kummissjoni tipproġetta tnaqqis kemxejn iżgħar f'dan tal-aħħar minn dak stabbilit fl-APB.

Hu mistenni li n-nefqa fuq l-imgħax tkompli tonqos fl-2017, u b'hekk jiġu liberati riżorsi li jiffaċilitaw il-konsolidazzjoni u ż-żieda f'infiq relatat ma' invsetimenti futuri jekk l-ispazju fiskali jkun disponibbli. Ir-rendimenti tal-bonds sovrani taż-Żona tal-Euro f'livelli storikament baxxi, billi r-rati fuq 10 snin bħalissa jvarjaw minn 0 % sa 1¾ % għall-akbar erba' Stati Membri fiż-Żona tal-Euro. B'konsegwenza ta' dan, il-pagamenti tal-imgħax totali mill-gvern ġenerali komplew jonqsu bħala sehem mill-PGD. Skont l-informazzjoni inkluża fl-APB, in-nefqa fuq l-imgħax għaż-Żona tal-Euro b'mod kumplessiv mistennija tonqos minn 2,4 % tal-PDG fl-2015 għal 2,1 % fl-2016 u hija pproġettata li tkompli tonqos is-sena d-dieħla, għal 2,0 % tal-PDG, ħafna inqas mit-3,0 % rreġistrat fl-2012 fl-aqwa tal-kriżi tad-dejn sovran fiż-Żona tal-Euro. L-istampa li tirriżulta mill-pjanijiet tal-Istati Membri hija ġeneralment ikkonfermata mill-previżjoni tal-Kummissjoni. Filwaqt li l-ispejjeż tan-nefqa tad-dejn fiż-Żona tal-Euro x'aktarx se jibqgħu f'livell storikament baxx fis-snin li ġejjin, l-użu tal-flus iffrankati minn pagamenti ta' imgħax baxxi biex jiġu ffinanzjati żidiet permanenti fin-nefqa tal-gvern jew biex jitnaqqsu t-taxxi jista' jirrappreżenta riskju minħabba n-natura mhux permanenti tagħhom.

Il-miżuri ppreżentati fl-APB jkollhom biss effett żgħir fuq il-kompożizzjoni tat-taxxa għall-aggregat taż-ŻE-18 fl-2017. Ladarba kkorreġut għaċ-ċiklu, il-proporzjon ta' dħul jonqos b'madwar 0,1 % tal-PGD. Mit-tliet kategoriji ta' dħul ewlenin, il-kontribuzzjonijiet soċjali u t-taxxi indiretti huma mistennija jonqsu bħala sehem tal-PDG, filwaqt li t-taxxi diretti jiżdiedu. Fl-istess ħin, il-bidliet huma marġinali u ma jibdlux b'mod sinifikanti l-piż relattiv tagħhom. Fuq in-naħa tad-dħul, il-previżjonijiet tal-Kummissjoni huma allinjati mal-APB (il-Graff A4.3b tal-Anness 4).

Kaxxa 2: Prinċipji ta' Gwida għal Analiżi ta' Nfiq Effettiv

Fi żminijiet ta' dejn pubbliku għoli u rati baxxi ta' tkabbir ekonomiku, hemm bżonn aktar minn qatt qabel li niżguraw li flus il-kontribwenti jintużaw b'mod effiċjenti. Madankollu, ħafna drabi l-linji ta' nefqa "tradizzjonali" li jintirtu minn deċiżjonijiet tal-passat għandhom it-tendenza li jiżdiedu kważi awtomatikament matul is-snin. Qed isiru analiżi tan-nefqa jew li diġà tħabbar li se jsiru f'aktar minn nofs l-Istati Membri taż-Żona tal-Euro – b'diversi ambiti u skedi ta' żmien. Il-Grupp tal-Euro osserva l-esperjenzi nazzjonali u fil-laqgħa tiegħu ta' Settembru 2016 approva għadd ta' prinċipji li jridu jiġu segwiti jekk analiżi tan-nefqa għandu jkollhom l-aqwa impatt fuq il-kwalità tal-infiq pubbliku[18].

L-għan aħħari tal-analiżi tan-nefqa hu li jerġgħu jistabbilixxu konnessjoni bejn id-deċiżjonijiet dwar l-infiq u l-prijoritajiet tal-politiki *(din il-politika għandha tiġi ffinanzjata minn fondi pubbliċi?)* u l-livelli ta' nfiq ma' riżultati li jitgawdew miċ-ċittadini jew min-negozji kkonċernati *(x'inhi r-relazzjoni bejn in-nefqa u l-kwalità għall-fondi pubbliċi?)*. L-istrument jikkonsisti mill-analiżi tal-infiq ta' referenza individwali eżistenti bil-għan li jiġu individwati:

- Opportunitajiet biex jitwaqqaf il-finanzjament ta' politiki li ma għadhomx prijoritarji jew il-finanzjament li ma għandux impatt konkret fuq l-objettivi ta' politika,
- Titjib fl-effiċjenza – il-beni jew is-servizzi pubbliċi jitwasslu b'inqas spejjeż , jew ta' kwalità aħjar b'kost marġinalment l-istess.

Dan normalment jinvolvi riformi fl-ambitu ta' interventi ffinanzjati pubblikament, fl-organizzazzjoni tas-servizzi pubbliċi, fi proċessi sottostanti u fir-riżorsi umani tal-amministrazzjoni pubblika.

Ir-riżultat għandu jkun allokazzjoni ta' nfiq aħjar madwar il-politiki li jiġġeneraw iffrankar (inklużi marġini sabiex jiġu ffinanzjati politiki li jiffavorixxu t-tkabbir), u / jew servizz pubbliku ta' kwalità superjuri.

Valutazzjoni tal-orjentazzjoni tal-politika fiskali fiż-Żona tal-Euro

Kumplessivament, wara l-konsolidazzjoni fiskali sinifikanti fl-2011-13, huwa kkalkulat li l-pożizzjoni fiskali taż-Żona tal-Euro hija ġeneralment newtrali fuq il-perjodu 2014-2017. Il-pożizzjoni fiskali saret ġeneralment newtrali fl-2014-2015 u kemxejn espansjonarja fl-2016, fuq sfond ta' rkupru ekonomiku. Għall-2017, kemm l-aggregazzjoni tal-APB tal-Istati Membri kif ukoll il-previżjoni tal-Kummissjoni mill-ġdid jindikaw pożizzjoni fiskali ġeneralment newtrali.

Kaxxa 3: Analiżi tal-Pożizzjoni Fiskali

Id-diskussjoni dwar il-pożizzjoni fiskali hija aspett ewlieni tal-isforzi tal-Kummissjoni biex issaħħaħ id-diskussjoni kollettiva dwar l-interess ġenerali taż-Żona tal-Euro[19]. Fl-UE u fiż-Żona tal-Euro, il-politiki fiskali nazzjonali huma primarjament iffurmati mill-qafas ibbażat fuq regoli u li huwa inkorporat fit-Trattat u fil-PST. Barra minn hekk, eżami analitiku tal-politiki fiskali jippermetti valutazzjoni ta' jekk il-politiki fiskali implimentati effettivament jistabbilixxux il-kundizzjonijiet għal tkabbir sostenibbli qawwi, għall-istabbiltà tal-prezzijiet u, speċjalment, jekk isirx l-aħjar użu tal-marġni ta' diskrezzjoni fil-

[18] http://www.consilium.europa.eu/en/press/press-releases/2016/09/09-eurogroup-statement/
[19] Ara COM(2016) 727 final, 16.11.2016.

qafas. Huwa jgħin biex jenfasizza l-konsegwenzi aggregati tal-politiki nazzjonali u tal-effetti kollaterali bejn l-Istati Membri.

Il-pożizzjoni fiskali taż-Żona tal-Euro għandha tilħaq bilanċ tajjeb bejn is-sostennibbiltà u l-istabbilizzazzjoni. Hemm bżonn ta' tnaqqis fil-livelli eċċessivi ta' dejn u jerġgħu jinbnew il-buffers fiskali. Approċċ prudenti għat-tnaqqis tad-dejn huwa partikolarment xierqa sabiex ikunu jista' jassorbi l-impatt ta' skossi ġodda. Barra minn hekk, l-irkupru qed jipproċedi bil-mod biss tnaqqis gradwali fil-qgħad, filwaqt li l-aspettattivi dwar l-inflazzjoni għadhom mhux qed jaslu biex jilħqu l-għan tal-istabbiltà fil-prezzijiet.

Il-kejl u l-analiżi tal-pożizzjoni fiskali huma metodoloġikament diffiċli. Il-pożizzjoni fiskali hija kunċett li ma għandux definizzjoni universalment aċċettata, iżda pjuttost b'fehim komuni fil-komunità ekonomika. Wieħed ġeneralment jifhem bih l-orjentazzjoni li tingħata lill-politika fiskali mid-deċiżjonijiet diskrezzjonali tal-gvernijiet rigward it-tassazzjoni u l-infiq. Tradizzjonalment, il-pożizzjoni fiskali hija espressa bil-bidla fil-bilanċ strutturali ewlieni, għalkemm jistgħu jintużaw indikaturi oħra wkoll biex jikkaratterizzawh. F'din il-kaxxa, il-ħtiġijiet ta' konsolidazzjoni huma mkejla permezz tal-indikatur S1, li huwa kkalkulat skont l-isforz fiskali meħtieġ biex jiżgura li d-dejn pubbliku ta' Stat Membru jilħaq 60 % tal-PGD fl-2031. Valutazzjoni dettaljata ta' indikaturi differenti u r-robustezza tagħhom jinsabu fil-*PSKs tal-2016: Horizontal Overview and Implications for the Euro Area Fiscal Stance* (European Commission Institutional Papers Nru 34, 2016).

Għaż-Żona tal-Euro kollha kemm hi, hemm aktar kompromess f'dan l-istadju bejn il-ħtiġijiet ta' sostenibbiltà u ta' stabbilizzazzjoni. Iż-Żona tal-Euro tinsab fil-"kwadrant tax-Xlokk" tal-mappa fiskali fejn qed jaġixxi dan il-kompromess, ara l-Graff 1. Dan jirrifletti l-eżistenza ta' diskrepanza ta' aġġustament fir-rigward ta' trajettorja li tpoġġi d-dejn fi triq definittivament għan-niżla għall-ġejjieni, flimkien mal-persistenza ta' livell sinifikanti ta' staġnar ekonomiku, għalkemm li qiegħed jonqos b'mod. Din il-konklużjoni hija kwalitattivament robusta għall-għażla ta' indikaturi alternattivi, għalkemm id-daqs preċiż jista' jvarja.

Minn perspettiva ekonomika, il-pożizzjoni kumplessiva taż-Żona tal-Euro għandha tkun differenzjata skont is-sitwazzjonijiet tal-pajjiżi f'termini ta' sostenibbiltà u stabbilizzazzjoni. Għadd ta' Stati Membri fix-Xlokk tal-mappa fiskali għad għandhom ħtiġijiet kbar ta' konsolidazzjoni. Il-kwadrant tal-lbiċ juri Stati Membri, li għandhom marġini baġitarju u li l-ekonomiji tagħhom jistgħu jibbenefikaw minn stimolu limitat. F'dan ir-rigward, l-APB jistgħu jitjiebu. B'mod partikolari pjanijiet li huma mmirati lejn l-objettiv ta' stabbilizzazzjoni f'xi pajjiżi kbar jistgħu jiġu bbilanċjati mill-ġdid lejn aktar konsolidazzjoni fiskali, filwaqt li l-marġini baġitarju li jibqa' jista' jintuża biex jappoġġa t-tkabbir fuq perjodu qasir u fit-tul, b'mod partikolari billi jiġi stimulat l-investiment.

Graff 1: Mappa fiskali għaż-Żona tal-Euro fl-2016



Nota: Skont il-previżjoni tal-Kummissjoni Ewropea tal-ħarifa 2016. Żminijiet ekonomiċi tajbin (ħżiena) huma mkejla permezz tal-marġni tal-potenzjal tal-produzzjoni fl-2016, f'% tal-PGD. Il-ħtiġijiet ta' konsolidazzjoni fiskali jew il-marġini baġitarju huma mkejla permezz tal-indikatur S1 tal-Kummissjoni ta' riskji għas-sostenibbiltà, ukoll f'% tal-PDG, skont it-tbassir tal-ħarifa tal-2016 kalkoli preliminari u li jużа s-sena 2016 bħala s-sena bażi.

L-orjentazzjoni tal-pożizzjoni fiskali fl-2016-17 tista' tiġi vvalutata kontra l-objettivi doppji tas-sostenibbiltà fit-tul tal-finanzi pubbliċi u l-istabbilizzazzjoni makroekonomika fuq perjodu qasir (ara l-Kaxxa 3 hawn taħt)**.** Is-sostenibbiltà fit-tul tirrikjedi li d-dejn pubbliku jitqiegħed u jinżamm fuq perkors sostenibbli, filwaqt li jitqies il-livell attwali ta' dejn u l-infiq futur imbassar relatat mat-tixjiħ[20]. L-istabbilizzazzjoni makroekonomika tista' tiġi espressa f'termini ta' tnaqqis tal-marġni tal-potenzjal tal-produzzjoni b'pass xieraq fuq terminu qasir sa medju filwaqt li, fis-sitwazzjoni attwali, tiġi żgurata wkoll rotazzjoni aktar aċċentwata minn sorsi esterni għal sorsi domestiċi ta' tkabbir. Billi l-politika monetarja hija diġà akkomodanti ħafna, b'rati nominali ta' interessi kważi fil-limitu żero flimkien ma' inflazzjoni baxxa ħafna, l-attenzjoni tiffoka fuq il-politika fiskali.

Kif spjegat fil-Komunikazzjoni ta' akkumpanjament tal-Kummissjoni, *Lejn Pożizzjoni Fiskali Pożittiva għaż-Żona tal-Euro*[21], it-tfassil pożizzjoni fiskali xierqa għaż-Żona tal-Euro hija r-responsabbiltà individwali u kollettiva tal-Istati Membri. Il-Komunikazzjoni tipprovdi analiżi addizzjonali għall-pożizzjoni fiskali u gwida dwar l-implikazzjonijiet tagħha għall-politika fiskali fiż-Żona tal-Euro.

[20] L-indikatur tas-sostenibbiltà S1 tal-Kummissjoni, juri l-isforz totali meħtieġ matul l-2016-21 sabiex id-dejn jitnaqqas għal 60 % tal-PDG sal-2030, billi jitqiesu l-obbligazzjonijiet kontinġenti relatati mat-tixjiħ. Dan jindika aġġustament addizzjonali ta' 1,8 % tal-PDG għaż-Żona tal-Euro matul il-ħames snin li ġejjin. Dan jittraduċi f'aġġustament annwali addizzjonali ta' madwar 1/3 % tal-PDG fl-2016 u fl-erba' snin ta' wara.

[21] http://ec.europa.eu/economy_finance/economic_governance/sgp/budgetary_plans/index_en.htm

III. Ħarsa ġenerali lejn l-Abbozzi tal-Pjanijiet Baġitarji

L-Opinjoni tal-Kummissjoni dwar l-APB tiffoka fuq il-konformità mal-PST u mar-rakkomandazzjonijiet maħruġa fuq din il-bażi. Għall-Istati Membri fi Proċedura ta' Defiċit Eċċessiv (Excessive Deficit Procedure, EDP), l-Opinjoni tal-Kummissjoni tqis il-progress li jsir fil-korrezzjoni tad-defiċits eċċessivi, rigward il-miri kemm tad-defiċit nominali kif ukoll tal-isforz strutturali. Għall-Istati Membri fil-parti preventiva tal-PST, l-Opinjonijiet tal-Kummissjoni jivvalutaw l-aderenza mal-objettivi baġitarji fuq terminu medju (OTM) jew il-progress lejhom, kif ukoll il-konformità mar-regola tad-dejn, sabiex jiġi stabbilit jekk il-pjanijiet humiex konformi mal-PST u mar-rakkomandazzjonijiet fiskali speċifiċi għall-pajjiżi (country-specific recommendations - CSRs) indirizzati lill-Istati Membri mill-Kunsill fit-12 ta' Lulju 2016.

L-Istati Membri kollha taż-Żona tal-Euro li ma jinsabux fil-programm ippreżentaw l-APB tagħhom fiż-żmien dovut, b'konformità mal-Artikolu 6 tar-Regolament (UE) Nru 473/2013.

L-ebda APB ma nstab li kien f'"nonkonformità partikolarment serja" kif imsemmi fl-Artikolu 7(2) tar-Regolament (UE) Nru 473/2013. Madankollu, diversi mill-pjanijiet ippreżentati jagħtu lok għal tħassib.

It-Tabelli 2a u 2b jiġbru fil-qosor il-valutazzjonijiet tal-APB tal-pajjiżi individwali skont l-Opinjonijiet tal-Kummissjoni adottati fis-16 ta' Novembru flimkien mal-valutazzjoni tal-progress fir-riformi fiskali-strutturali. Dawn il-valutazzjonijiet huma bbażati fuq il-previżjoni tal-Kummissjoni tal-ħarifa 2016. Sabiex ikun iffaċilitat il-paragun, il-valutazzjoni tal-pjanijiet hija miġbura fil-qosor fi tliet kategoriji wiesgħa, li għandhom sinifikat differenti skont jekk Stat Membru huwiex f'EDP jew le:

- **Konformi:** skont il-previżjoni tal-Kummissjoni, **ma hemmx bżonn li l-pjanijiet baġitarji jiġu adattati** fil-proċedura baġitarja nazzjonali biex jiġi żgurat li l-baġit tal-2017 ikun konformi mar-regoli tal-PST.

- **Ġeneralment konformi:** Skont il-previżjoni tal-Kummissjoni għall-2017, huwa mistenni li l-APB jiżgura konformità ġenerali mar-regoli tal-PST.

  Għall-Istati Membri fl-EDP: filwaqt li l-previżjoni tal-Kummissjoni għall-2017 tipproġetta li jew l-mira tad-defiċit nominali se tintlaħaq jew li d-defiċit eċċessiv se jiġi kkoreġut f'waqtu, hemm nuqqas kbir fl-isforz fiskali meta mqabbel mal-livell rakkomandat u dan ipoġġi f'riskju l-konformità mar-rakkomandazzjoni tal-EDP.

  Għall-Istati Membri fil-parti preventiva tal-PST: il-previżjoni tal-Kummissjoni għall-proġetti tal-2017 tista' tirriżulta f'xi devjazzjoni mill-OTM jew mill-perkors ta' aġġustament lejh, iżda dan in-nuqqas relattiv fil-konfront tar-rekwiżit ma għandux jippreżenta devjazzjoni sinifikanti mill-aġġustament rakkomandat. Dawn l-Istati Membri huma vvalutati sabiex jikkonformaw mar-regola tad-dejn, fejn applikabbli.

- **Riskju ta' nuqqas ta' konformità:** Skont il-previżjoni tal-Kummissjoni għall-2017, l-APB mhuwiex mistenni li jiżgura l-konformità mar-regoli tal-PST.

  Għall-Istati Membri fl-EDP: il-previżjoni tal-Kummissjoni għall-2017 tipproġetta li la se jiġi ssodisfat l-isforz fiskali rrakkomandat, la se tinkiseb il-mira tad-defiċit nominali intermedju u lanqas ma hu se jiġi kkoreġut id-defiċit eċċessiv fi żmien xieraq.

  Għall-Istati Membri fil-parti preventiva tal-PST: il-previżjoni tal-Kummissjoni għall-2017 tipproġetta devjazzjoni sinifikanti mill-OTM jew mill-perkors tal-aġġustament

meħtieġ lejh, u / jew min-nuqqas ta' konformità mal-parametru referenzjarju għat-tnaqqis tad-dejn, fejn applikabbli.

Wara l-"Pożizzjoni miftiehma b'mod komuni dwar il-flessibbiltà fil-Patt ta' Stabbiltà u Tkabbir", approvata mill-Kunsill ECOFIN fit-12 ta' Frar 2016, il-Finlandja u l-Litwanja fl-APB tagħhom talbu li jkollhom flessibbiltà fuq il-bażi tal-klawżola ta' riforma strutturali u l-investiment. Il-Finlandja talbet fl-APB tagħha għal devjazzjonijiet temporanji mill-perkors ta' aġġustament rakkomandat lejn l-OTM fl-2017, fid-dawl tal-implimentazzjoni ta' riformi strutturali kbar b'impatt pożittiv fuq is-sostenibbiltà fit-tul tal-finanzi pubbliċi (talba għal flessibbiltà li tammonta għal 0,5 % tal-PGD) u tal-infiq nazzjonali fuq proġetti kofinanzjati mill-UE taħt il-Fondi Strutturali u ta' Investiment Ewropej (talba għal flessibbiltà li tammonta għal 0,1 % tal-PDG). Skont il-previżjoni tal-Kummissjoni tal-ħarifa 2016, filwaqt li l-Finlandja mhix konformi mal-valur referenzjarju minimu, il-marġni tal-potenzjal tal-produzzjoni tagħha huwa mimli inċertezza. Valutazzjoni dettaljata tal-marġni tal-potenzjal tal-produzzjoni għall-2016 timplika li l-Finlandja tkun tista' tissodisfa l-valur referenzjarju fl-2017[22]. Bħala livell ta' kunfidenza addizzjonali, il-gvern tal-Finlandja ħa impenn pubbliku li jieħu l-miżuri addizzjonali fl-2017, jekk meħtieġ, sabiex jiżgura l-konformità mal-PST, partikolarment inkluż l-issodisfar tal-valur referenzjarju ta' 3 % tal-PDG fit-Trattat. Fil-każ tal-Litwanja, tali talba fl-APB b'ebda bidla fil-politika kienet tipprevedi l-implimentazzjoni ppjanata ta' riformi strutturali kbar fis-suq tax-xogħol u fil-pensjonijiet b'impatt pożittiv fuq is-sostenibbiltà fit-tul tal-finanzi pubbliċi (talba għal flessibbiltà ta' 0,6 % tal-PDG). Skont il-previżjoni tal-Kummissjoni tal-ħarifa 2016, jidher li l-Litwanja għandha biżżejjed spazju fiskali biex tibbenefika minn devjazzjoni temporanja mill-perkors ta' aġġustament meħtieġ lejn l-OTM. Il-valutazzjoni kompleta tal-eliġibbiltà possibbli kemm tal-Finlandja kif ukoll tal-Litwanja għall-flessibbiltà se sseħħ fiċ-ċiklu normali tas-Semestru Ewropew fil-kuntest tal-valutazzjoni tal-Programmi ta' Stabbiltà għall-2017.

Barra minn hekk, għadd ta' Stati Membri semmew l-impatt baġitarju taż-żieda fl-influss ta' refuġjati u ta' miżuri addizzjonali ta' sigurtà. Id-dispożizzjonijiet tal-Artikoli 5(1) u 6(3) tar-Regolament (KE) Nru 1466/97 jippermettu devjazzjoni temporanja mill-perkors ta' aġġustament lejn l-objettiv baġitarju ta' terminu medju sabiex tagħmel tajjeb għal tali nefqa addizzjonali, sakemm il-fluss ta' refuġjati kif ukoll il-gravità tat-theddida terroristika jkunu avvenimenti eċċezzjonali, l-impatt tagħhom fuq il-finanzi pubbliċi jkun sinifikanti u s-sostenibbiltà ma tiġix kompromessa. F'dan l-istadju, il-Kummissjoni kkunsidrat il-possibbiltà ta' devjazzjoni temporanja għall-kostijiet relatati mar-rifuġjati fl-2015 u l-2016 (il-Belġju, l-Italja, l-Awstrija, is-Slovenja u l-Finlandja) u l-ispejjeż relatati mas-sigurtà fl-2016 u l-2017 (il-Belġju, l-Italja u l-Awstrija). Il-Kummissjoni se tagħmel valutazzjoni finali, inkluż dwar l-ammonti eliġibbli, fuq il-bażi tad-*data* osservata kif stipulat mill-awtoritajiet. Il-Kummissjoni tinsab lest li, fi żmien debitu , tikkunsidra devjazzjonijiet addizzjonali rigward nefqiet relatati mal-migrazzjoni fl-2017. Barra minn hekk, l-Italja talbet għal trattament speċjali rigward l-impatt baġitarju ta' pjan ta' investiment preventiv għall-protezzjoni tat-territorju nazzjonali kontra l-attakki sismiċi skont il-klawżola tal-avvenimenti mhux tas-soltu. Il-Kummissjoni tagħraf li f'dawn l-aħħar xhur l-Italja kienet qed tiffaċċja attività sismika mingħajr preċedent, u dan iċajpar ir-rabta bejn il-prevenzjoni u l-intervent ta' emerġenza. Għaldaqstant, il-Kummissjoni tikkunsidra li l-fondi allokati mill-gvern għal dan il-għan fl-2017 jistgħu jiġu

[22] Il-Kummissjoni f'konsultazzjoni mal-Istati Membri, żviluppat għodda ta' skrinjar biex tindika każi fejn ir-riżultati tal-metodoloġija miftiehma jistgħu jiġu interpretati bħala ekonomikament kontrointuwittivi. F'dawn il-każi, saret analiżi kwalitattiva dettaljata, inkluż dwar l-implikazzjonijiet possibbli għar-rekwiżiti tal-Istati Membri kkonċernati skont il-PST (ara l-Kaxxa 1).

kkunsidrati wkoll biex jingħata permess għal devjazzjoni temporanja mill-perkors ta' aġġustament lejn l-objettiv baġitarju ta' terminu medju, soġġett għad-dispożizzjoni tad-*data ex ante* u *ex post* mill-awtoritajiet Taljani.

Il-Portugall u Spanja ppreżentaw l-APB tagħhom sa nofs Ottubru, kif ukoll rapporti dwar l-azzjoni li ttieħdet bi tweġiba għad-deċiżjonijiet tal-Kunsill biex jagħtu notifika, adottati fit-8 ta' Awwissu b'konformità tal-Artikolu 126(9) tat-Trattat. Sadanittant il-Kummissjoni vvalutat dawn id-dokumenti u daħlet fi djalogu strutturat mal-Parlament Ewropew. Il-Kummissjoni waslet għall-konklużjoni li l-Proċeduri ta' Defiċit Eċċessiv taż-żewġ Stati Membri jeħtieġ li jiġu sospiżi. Għaldaqstant, l-avveniment li kien jeħtieġ proposta mill-Kummissjoni biex jiġu sospiżi partijiet mill-Fondi SIE ma għadhiex preżenti u mhux se jkun hemm tali proposta.

Fl-aħħar nett, il-Kummissjoni għamlet valutazzjoni preliminari ta' kemm sar progress fl-implimentazzjoni tar-riformi fiskali-strutturali deskritti fir-rakkomandazzjonijiet speċifiċi għall-pajjiż adottati mill-Kunsill fit-12 ta' Lulju 2016. Il-valutazzjoni tal-APB hija miġbura fil-qosor fil-ħames kategoriji wiesgħa li ġejjin: l-ebda progress, progress limitat, xi progress, progress sostanzjali u kompletament indirizzati. Fir-Rapporti tal-Pajjiżi tal-2017 se ssir valutazzjoni komprensiva tal-progress li sar fl-implimentazzjoni tar-rakkomandazzjonijiet speċifiċi għall-pajjiż u fil-kuntest tar-rakkomandazzjonijiet speċifiċi għall-pajjiż tal-2017 li għandhom jiġu adottati mill-Kunsill fl-2017.

Tabella 2a: Ħarsa ġenerali lejn l-opinjonijiet individwali tal-Kummissjoni dwar l-Abbozzi ta' Pjanijiet Baġitarji - l-Istati Membri fil-parti preventiva tal-PST

Stati Membri	**Il-konformità kumplessiva tal-APB mal-PST**		**Progress fl-implimentazzjoni tar-riformi fiskali-strutturali rrakkomandati fir-Rapporti Speċifiċi għall-Pajjiż tal-2016**
	Konklużjoni kumplessiva bbażata fuq il-previżjoni tal-Kummissjoni tal-ħarifa 2016	**Konformità mar-rekwiżiti tal-parti preventiva fl-2016-2017**	
BE*	Riskju ta' nuqqas ta' konformità	2016: riskju ta' devjazzjoni sinifikanti mill-perkors tal-aġġustament lejn l-OTM; *prima facie*, nuqqas ta’ konformità mar-regola tad-dejn tranżitorju; 2017: riskju ta’ xi devjazzjoni mill-perkors ta’ aġġustament lejn l-OTM fl-2017 iżda riskju ta’ devjazzjoni sinifikanti matul l-2016-2017 f'daqqa; *prima facie*, nuqqas ta’ konformità mal-parametru referenzjarju dwar it-tnaqqis tad-dejn.	Ebda progress
DE	Konformi	2016: l-OTM superat; konformità; mal-valur referenzjarju tat-tnaqqis tad-dejn 2017: l-OTM superat; konformità mal-valur referenzjarju tat-tnaqqis tad-dejn	Progress limitat
EE	Konformi	2016: l-OTM superat; 2017: ebda devjazzjoni mill-perkors tal-aġġustament lejn l-OTM	m.d.
IE	Ġeneralment konformi	2016: riskju ta' ftit devjazzjoni mill-perkors ta’ aġġustament lejn l-OTM; konformità mar-regola tad-dejn tranżitorja; 2017: riskju ta' ftit devjazzjoni mill-perkors ta’ aġġustament lejn l-OTM; konformità mar-regola tad-dejn tranżitorja.	Xi progress
IT*	Riskju ta' nuqqas ta' konformità	2016: riskju ta' ftit devjazzjoni mill-perkors ta’ aġġustament lejn l-OTM; mingħajr il-provvediment sħiħ ta' 0,75 % tal-PDG mogħti skont il-klawżoli strutturali u ta' investiment, ikun hemm ir-riskju ta' devjazzjoni sinifikanti mill-perkors ta’ aġġustament lejn l-OTM; *prima facie*, nuqqas ta’ konformità mal-valur referenzjarju tat-tnaqqis tad-dejn; 2017: riskju ta' devjazzjoni sinifikanti mill-perkors tal-aġġustament lejn l-OTM; *prima facie*, nuqqas ta’ konformità mal-valur referenzjarju dwar it-tnaqqis tad-dejn.	Xi progress
CY	Riskju ta' nuqqas ta' konformità	2016: l-OTM superat; konformità mar-regola tad-dejn tranżitorja; 2017: riskju ta' devjazzjoni sinifikanti mill-perkors tal-aġġustament lejn l-OTM; konformità mar-regola tad-dejn tranżitorja.	Xi progress

LT**	Riskju ta' nuqqas ta' konformità	2016: l-ebda devjazzjoni mill-perkors tal-aġġustament lejn l-OTM; 2017: ftit devjazzjoni mill-perkors tal-aġġustament lejn l-OTM skont APB b'ebda bidla fil-politika.	m.d.
LV	Ġeneralment konformi	2016: riskju ta' ftit devjazzjoni mill-perkors ta' aġġustament lejn l-OTM; 2017: ebda devjazzjoni mill-perkors ta' aġġustament lejn l-OTM fl-2017, iżda riskju ta' devjazzjoni żgħira matul l-2016-2017 f'daqqa;	Progress limitat
LU	Konformi	2016: l-OTM superat; 2017: l-OTM superat.	Progress limitat
MT	Ġeneralment konformi	2016: ebda devjazzjoni mill-perkors tal-aġġustament lejn l-OTM; konformità mal-valur referenzjarju ta' tnaqqis tad-dejn; 2017: riskju ta' ftit devjazzjoni mill-perkors ta' aġġustament lejn l-OTM;	L-ebda progress
NL	Konformi	2016: l-OTM superat; konformità mar-regola tad-dejn tranżitorja; 2017: l-OTM superat; konformità mal-valur referenzjarju tat-tnaqqis tad-dejn	L-ebda progress
AT***	Ġeneralment konformi	2016: l-ebda devjazzjoni mill-perkors tal-aġġustament lejn l-OTM; konformità mar-regola tad-dejn tranżitorju; 2017: riskju ta' ftit devjazzjoni mill-perkors ta' aġġustament lejn l-OTM	Progress limitat
SK	Konformi	2016: riskju ta' ftit devjazzjoni mill-perkors ta' aġġustament lejn l-OTM; 2017: l-ebda devjazzjoni mill-perkors tal-aġġustament lejn l-OTM	Xi progress
SI	Riskju ta' nuqqas ta' konformità	2016: riskju ta' ftit devjazzjoni mill-perkors ta' aġġustament lejn l-OTM; konformità mar-regola tad-dejn tranżitorja; 2017: riskju ta' devjazzjoni sinifikanti mill-perkors tal-aġġustament lejn l-OTM; konformità mar-regola tad-dejn tranżitorja.	Progress limitat
FI****	Riskju ta' nuqqas ta' konformità	2016: riskju ta' ftit devjazzjoni mill-perkors ta' aġġustament lejn l-OTM; 2017: riskju ta' devjazzjoni sinifikanti mill-perkors tal-aġġustament lejn l-OTM;	Xi progress

* Fit-18 ta' Mejju 2016, il-Kummissjoni ħarġet rapport skont l-Artikolu 126(3) TFUE, billi fl-2015 l-Istat Membru ma għamilx biżżejjed progress lejn il-konformità mar-regola tad-dejn. Dan ir-rapport ikkonkluda li, wara l-valutazzjoni tal-fatturi rilevanti kollha, il-kriterju tad-dejn jeħtieġ jiġi kkunsidrat bħala ssodisfat. Il-Kummissjoni dalwaqt se toħroġ rapport ġdid.

** APB ppreżentat minn gvern temporanju abbażi ta' ebda bidla fil-politika.

*** Din il-konklużjoni tintlaħaq ladarba l-estimu attwali tal-impatt baġitarju fl-2016 tal-fluss eċċezzjonali tar-rifuġjati u l-miżuri ta' sigurtà (li minnu l-Awstrija tista' tibqa' tibbenefika fl-2017 sabiex jiġi żgurat trattament indaqs lill-Istati Membri li huma l-aktar 'il bogħod milli jilħqu l-OTM tagħhom) jitnaqqas mir-rekwiżit.

**** Fit-18 ta' Mejju 2016, il-Kummissjoni ħarġet rapport skont l-Artikolu 126(3) TFUE, minħabba li fl-2015 id-dejn tal-gvern ġenerali tal-Finlandja qabeż is-60 % tal-GDP. Dan ir-rapport ikkonkluda li, wara l-valutazzjoni tal-fatturi rilevanti kollha, il-kriterju tad-dejn jeħtieġ jiġi kkunsidrat bħala ssodisfat.

Tabella 2b: Ħarsa ġenerali lejn l-opinjonijiet individwali tal-Kummissjoni dwar l-Abbozzi ta' Pjani Baġitarji – l-Istati Membri fil-parti korrettiva tal-PST

Stati Membri	**Konformità kumplessiva tal-APB mal-PST**		**Progress fl-implimentazzjoni tar-riformi fiskali-strutturali rrakkomandati fis-CSRs tal-2016**
	Konklużjoni kumplessiva bbażata fuq il-previżjoni tal-Kummissjoni tal-ħarifa 2016	**Konklużjoni kumplessiva bbażata fuq il-previżjoni tal-Kummissjoni tal-ħarifa 2016**	
ES*	Riskju ta' nuqqas ta' konformità	2016: mira ewlenija intermedja milħuqa, l-isforz fiskali mhux issodisfat; 2017: mira ewlenija intermedja mhux issodisfata: l-isforz fiskali mhux issodisfat abbażi ta' ebda bidla fil-politika tal-APB.	Progress limitat
FR	Ġeneralment konformi	2016: mira ewlenija intermedja milħuqa, l-isforz fiskali mhux issodisfat; 2017: defiċit nominali prevista għal ftit inqas minn 3 % tal-PDG; l-isforz fiskali mhux issodisfat.	Progress limitat
PT**	Riskju ta' nuqqas ta' konformità	2016: mistennija korrezzjoni f'waqtha u dejjiema tad-defiċit eċċessiv, l-isforz fiskali ssodisfat. 2017: riskju ta' devjazzjoni sinifikanti mill-perkors tal-aġġustament lejn l-OTM*;* *prima facie*, nuqqas ta' konformità mar-regola tad-dejn tranżitorju.	Progress limitat

* L-APB ippreżentat minn gvern temporanju abbażi ta' ebda bidla fil-politika.

** Il-Portugall attwalment jinsab fil-programm korrettiv tal-PST, iżda jista' jiċċaqlaq għall-parti preventiva mill-2017 jekk tinkiseb korrezzjoni f'waqtha u sostenibbli.